MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 58/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Walter Spiteri)**
**Vs**
**Alan Grima**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. f' dawn il-gzejjer fit-28 ta' Novembru, 2001 u matul ix-xhur ta' qabel kellu fil- pussess tieghu id-droga 'heroin' ghal-uzu personali tieghu u ghamel uzu minnha ghall-istess uzu personali bi ksur tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-28 ta' Novembru, 2001 u matul dawn l-ahhar xhur, fl-inhawi ta' Tas-Sliema u Hal-Kirkop, b' diversi atti maghmula minnu u li kisru l-istess dispozizzjonijiet

tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda ikkommetta is-sussegwenti serqiet;-

1. F' Tas-Sliema, fid-19 ta' Ottubru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Clarion minn go vettura Honda numru tar-registrazzjoni TFD-398 ghad-detriment ta' sidha Hector Spiteri liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, mezz u ammont;
2. F' Tas-Sliema, fis-27 ta' Ottubru, 2001 ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni JBC 514 ghad-detriment ta' sidha Carolyn Galea, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-mezz;

3. F' Tas-Sliema, fil-31 ta' Ottubru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Pajero bin-numru tar-registrazzjoni MAB 777 ghad-detriment ta' sidha Mariella Azzopardi, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u ammont;

4. F' Tas-Sliema, fis-6 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni LOU-068 ghad-detriment ta' sidha Louise Formosa, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, ammont u hin;

5. F' Tas-Sliema, fis-6 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo u oggetti ohra minn go vettura Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni AAC-569 ghad-detriment ta' sidha Jason Lauri, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

6. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fl-20 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni JAE 672 ghad-detriment ta' sidha Dorianne Abela, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

7. F' Tas-Sliema, fl-20 ta' Novembru, 2001, ikkommetta serq ta' stereo min go vettura Mitsubishi bin-

numru tar-registrazzjoni BBJ-348 ghad-detriment ta’ sidha Joseph Debono, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

8. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fil-24 ta’ Novembru, 2001, ikkommetta serq ta’ stereo u affarijiet ohra minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAT-682 ghad-detriment ta’ sidha Yvonne Ghio, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, hin u ammont;

9. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fil-25 ta’ Novembru, 2001 ikkommetta serq ta’ ghaxar liri minn go vettura Citroen bin-numru tar-registrazzjoni JUR 777 ghad-detriment ta’ sidha Sharon Jurkovic, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-mezz;

10. Minn Triq l-Industrija, Hal-Kirkop, fis-27 ta’ Novembru 2001, ikkommetta serq ta’ stereo u affarijiet ohra minn go vettura Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni KAV-192 ghad-detriment ta’ sidha Jacqueline Falzon, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u ammont;

11. F’ Tas-Sliema, fis-27 ta’ Novembru, 2001, ikkommetta serq ta’ stereo minn go vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni LCC-924 ghad-detriment ta’ sidha Jennifer Fenech, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, u ammont;

12. F’ Bormla, fl-24 ta’ Novembru 2001, ikkommetta serq ta’ vettura Triumph herald bin-numru tar-registrazzjoni JAL-119 ghad-detriment ta’ sidha Joseph Busuttil, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, u ammont;

3. Fis-27 ta’ Novembru 2001 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, fl-inhawi ta’ Tas-Sliema, Hal-Kirkop u Bormla b’ diversi atti maghmulin minnu u li jiksru l- istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor cioe l-vetturi TFD-398, JBC-514,

MAB-777, LOU-068, AAC-569, JAE-672, BBJ-348, CAT-682, JUR-777, KAV-192, LCC-924, JAL119, AND-977 ghad-detriment ta' sidhom, liema hsara teccedi il-hamsin liri Maltin izda mhux aktar minn hames mitt liri Maltin.

4. Fit-28 ta' Novembru, 2001 u matul il-granet ta' qabel saq vettura JAL-119, meta ma kellux licenzja ta' sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u minghajr polza tas-sigurta' ghar-riskji kontra terzi persuni.

5. Kiser il-provediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija lilu fil-21 ta' April, 1999 (Magt. Dr. M. Hayman LL.D), fil-5 ta' Frar, 2001 (Magt. Dr. Scerri Herrera LL.D) u fil-5 ta' Novembru, 2001 (Magt Dr. N. Cuschieri LL.D).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 261, 263, 267, 271, 270, 278 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikolu 5 tal-Kap. 152, sabet lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu sentejn prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tal-ewwel u r-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Il-Qorti inoltre ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti mmarkati bhala WS3 kif ukoll il-konfiska w id-distruzzjoni tal-oggetti mmarkati bhala Dok. WS4 liema oggetti llkoll gew esebiti mill-Ispettur Walter Spiteri waqt l-udjenza tal-10 ta' Dicembru, 2001 u liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata w dana billi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza fejn din sabitu hati tat-tieni, it-tielet u l-hames u fejn ma sabitux hati w illiberatu mill-ewwel u r-raba' akkuza dedotti kontra tieghu, tvarja l-istess sentenza ghal dak li jikkoncerna piena billi tapplika wahda aktar mita w idonea fic-cirkostanza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi meta nezaminaw il-parti decide tas-sentenza in kwistjoni, jirrizulta li l-Ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali. Ghandu jigi rimarkat li attwalment l-appellant kien ghadu minorenni meta wettaq id-delitti in dizamina, w ghalhekk kellu jibbenefika mit-tnaqqis fil-piena ta' grad jew tnejn.

Illi jidher car li meta l-Ewwel Qorti giet biex tikkompjuta l-piena ffuggielha l-fatt li l-appellant kien taht l-eta' liema cirkostanza konsegwentement ma gietx riflessa fil-piena.

Illi minhabba fil-premess din il-Qorti ta' l-Appell qed tigi mistiedna taghmel l-aggustament idoneu fil-piena nflitta.

Illi ghandu jinghad li l-kawzi in kwistjoni jirrisalu ghall-kwazi disgha snin ilu meta l-appellant kien ghad ghandu biss sbatax-il sena. Illi minn dak iz-zmien 'l hawn l-appellant irriforma ruhu, m'ghadux dipendenti fuq id-drogi u jinsab pjenament riintegrat fis-socjeta'.

Illi ghandu jinghad ukoll li fil-kaz in dizamina, kien ghamel zmien sostanzjali taht arrest preventiv u kien ghamel anke xi xhur isegwi programm ghar-riabilitazzjoni mid-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Ikkunsidrat :

Dan huwa appell limitat ghall-quantum tal-piena, peress illi d-dikjarazzjoni ta' htija mhijiex qed tigi kontestata pero` qed jinghad illi l-Ewwel Qorti ma haditx in konjizzjoni l-eta` tal-akkuzat li ma kienx ghadu ghalaq it-tmintax il-sena, kwindi kellhom japplikaw il-provvedimenti tal-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, f'liema kaz l-imputat kellu jibbenifika mit-tnaqqis fil-piena ta' grad jew tnejn.

Ikkunsidrat :

Minn ezami akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-magistrati tal-5 ta' Frar, 2010 l-appellant instab hati tat-tieni, t-tielet u l-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u kkundannat ghal sentejn prigunerija.

It-tieni akkuza tirrigwarda serq aggravat bix-xorti tal-haga misruqa w bil-mezz. L-istess it-tielet akkuza w l-hames akkuza huwa wkoll serq aggravat bix-xorti tal-haga misruqa w bil-mezz kif ukoll bil-hin u bl-ammont.

Ghal dak illi hija l-piena filwaqt illi ghall-ewwel tnejn cioe` t-tieni u t-tielet il-piena hija bejn hames xhur u tlett snin, ghall-hames akkuza dina tizdied bi grad, fejn allura jirrizulta piena bejn is-seba` xhur u erba` snin.

Kif tajjeb osserva l-appellant imkien ma rrizulta illi l-Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 37 tal-Kap. 9 u ghalhekk jisthoqq illi din il-Qorti taghmel rievalwazzjoni tal-parametri tal-pieni f'dan il-kaz.

Veru, illi l-appellant ma kienx ghadu ghalaq it-tmintax il-sena meta gew kommessi dawn ir-reati u l-fatt illi ma kienx ghadu ghalaqhom ghal xahar ma taghmilx differenza. Il-provvedimenti tal-artikolu 37 xorta ghadhom japplikaw. Ghalhekk jekk il-Qorti tnaqqas zewg gradi ghal kull akkuza li tieghu l-appellant instab hati jirrizulta illi l-parametri tat-tieni akkuza jaqghu bejn xahar sa tmintax il-xahar. L-istess ghat-tielet akkuza minn xahar ghal tmintax il-xahar u l-hames akkuza jaqghu bejn xaharejn sa sentejn. Dan ifisser illi jekk jigu maghduda dawk it-termini ghat-tlett reati li taghhom instab hati, l-appellant setgha ntbaghat f'parametri bejn erba` xhur u hames snin.

L-Ewwel Qorti pero` fil-konsiderazzjonijiet taghha ddikjarat illi "fil-mument li l-imputat wettaq ir-reati li taghhom qed jinstab hati huwa kellu problema serja ta' abbuz tad-droga w jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva aktar vicin il-minimum." U hekk fil-fatt ghamlet, ghax is-sentejn prigunerija li kkundannatu jigu vicin il-minimum li kieku ma giex applikat l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm varjazzjoni tal-piena biex tirrifletti ahjar l-eta` tal-imputat b'applikazzjoni ta' dan l-ahhar artikolu fuq imsemmi. Dana fil-kuntest ukoll tal-artikolu 278 (3) illi l-piena f'dana l-kaz ma tistax tinghata fil-minimum taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma l-istess sentenza fejn din sabet lill-appellant hati tat-tieni, t-tielet u l-hames akkuza w fejn ma sabitux hati u lliberatu mill-ewwel u mir-raba` akkuzi dedotti kontra tieghu, tvarja l-istess sentenza ghal dak li jikkoncerna l-piena w minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur u inoltre tikkonferma wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti mmarkati bhala WS3 kif ukoll il-konfiska w id-distruzzjoni tal-oggetti mmarkati bhala dokument WS4, liema oggetti l-ilkoll gew esebiti mill-Ispettur Walter Spiteri u liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------